MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 35/2011

**Rachel Buhagiar (KI Nru 390878M)**

**vs**

**Carmelo Caruana Company Limited (C-9616)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-7 ta’ Ottubru 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*“Introduzzjoni*

*Illi r-rikorrenti permezz ta' rikors prezentat fit-tlettax (13) ta' Jannar 2010, talbet lil dan it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta.*

*Da parti taghha, s-socjeta' intimata rribattiet fid-dikjarazzjoni minnha prezentata fit-tnax (12) ta' Frar 2010, li 1-istess terminazzjoni saret ghal raguni valida.*

***Provi***

*Ir-rikorrenti xehdet li f'dik is-sena partikolari hadet zball f' routing ta' container li spicca f'post hazin.*

*Kellha wkoll kwistjoni fuq il-performance li kienet guidikata bhala negattiva u l-impjieg taghha gie terminat. ;*

*In kontroezami, xehdet li hadet l-ewwel zball f konsenja ta' hdax (11) il-container u t-tieni wiehed f'container wiehed li dwaru naqset li tinforma lil management.*

*Kellha problemi kbar fis-sistema ta' inputting u rizultat negattiv ghall-ahhar fil-performance sheet. Ghas-socjeta' ntimata xehed Gerald Vella - General Manager. Dan xehed fuq l-attitudni negattiva tar-rikorrenti, il-poor performances u l-lamenti regolari tal-principali taghhom. Is-socjeta' sostniet li r-rikorrenti ikkawzatilha danni materjali - oltre minn hekk ir-rikorrent naqset li tinfurmahom 'a tempo vergine' - gew infurmati mill-klijenti stess. Irrimarka ukoll li kellha diversi problemi ta' attegjament ma' shabha stess fuq il-post tax-xoghol. Kienet illamentat anke fuq ufficju l-gdid taghhom.*

*Xehed ukoll Tonio Micallef, Financial Controller, li qal ma kien hemm xejn straordinarju fis-sistema gdida tal-IT u fit-tibdil taghha.*

***Konsiderazzjonijiet***

*Illi l-principal qed jibbaza il-kaz tieghu fuq zewg nuqqasijiet tar-rikorrenti ossia f'Gunju elfejn u disgha (2009) u Novembru elfejn u disgha (2009). Dana kombaccjat mar-rapport tad-Development Performances Process (DPR) datat sbatax (17) ta' Settembru 2009. Wiehed mill-warnings gie moghti bil-miktub in vista tan-nuqqas ta' l-istess rikorrenti li tinforma lis-superjuri taghha.*

*Jirrizulta kaz iehor f'Novembru meta ftit wara gie lilha terminat l-impjieg. Container intbghat post hazin. Kien f' dawn ic-cirkostanzi li gie nvokat id-DPR.*

*Gie allegat li fiz-zewg kazijiet tal- 'misrouting' tal-containers is-socjeta' intimata soffriet danni anki ngenti f'kaz minnhom.*
*Pero' prova ta' dan ma saritx. Ma kienx bizzejjed li oggett simili jigi allegat, hemm in-neccessita'li jigi ippruvat.*
*L-ebda bniedem ma hu infallibli. Bniedem hu soggett li jiehu zball. Ghalhekk suppost issir verifika u supervizjoni. Ghandu jinghad ukoll li n-natura tax-xoghol minnhu nnifsu huwa zbrigattiv u taht pressjoni kontinwa. Ir-rikorrenti kienet ghaddejha ukoll minn cirkostanzi familjari difficli.*

*Jinghad ukoll li shabha kienu imdejjqin biha fl-ufficju izda lanqas ta' dan ma ngabet prova.*

*Relattivament ghal famuz certifikat ta' apprezzament ta' attributi personali, ghandhu jinghad li dana huwa soggettiv ghall-ahhar. Fih hemm espressa l-opinjoni personali tar-rikorrenti fuqha nnifisha, u dik espressa fuqha mill-principal taghha.*

*Dan ir-rikjest da parti tas-socjeta intimata huwa att unilaterali impost fuq impjegat taghha, u ma jirrizultax xi wiehed mill-kweziti tal-kuntratt tax-xoghol datat hmistax (15) ta' Novembru 2004 esibit fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru 2010.*

*Ghalkemm kellha ssir revizjoni taghha dina ma saritx. Minflok giet mitluba jew li tahdem in-notice period jew ikollha l-impjieg taghha terminat. Kif jirrizulta mill-istess notamenti li saru mir-rikorrenti u l-General Manager taghha, ma tantx jirrizulta li hemm xi differenzi straordinarji. In-nuqqas ta' qbil irid ikun wiehed sostantiv. Ghandhu jinghataw fakolta li persuna fuq post tax-xoghol li ggib lilha innfisha l-quddiem. F'kaz ta' xi nuqqas, tigi gwidata biex jigi maneggjat, u mhux stronkat l-istess impjieg.*

*Illi s-socjeta ntimata kkonsiderat dan il-process ta' zvillup bhala tant essenzjali li fuqhu kien jiddependi l-impjieg tar-rikorrenti. Jinghad li matul id-dekors tal-impjieg taghha, dana kien l-ewwel darba li sar u kien daqshekk stultifikanti.*

*Ir-rikorrenti ma nghatat l-ebda possibilita' li tirradvizza l-allegati nuqqasijiet taghha. Veru li r-rikorrenti naqset f'zewg okkazjonijiet pero' ma kienx ta' tali gravita' li jirrizultaw fi tkeccija. Vide 'M. Axiaq vs Bandulet Dental Ltd' (hdax (11) ta' Dicembru elf disgha mija u sebgha u disghin {1997}); 'Jos-Gauci Maistre vs Pace & Mercieca Ltd' (tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar elf disgha mija u hamsa u disghin {1995}); 'Schembri vs Vassallo & Xuereb Ltd' (ghoxrin (20) ta' Lulju elfejn u sitta {2006}); 'V. Camilleri vs Corinthia Palace Hotel Co. Ltd' (tnejn (2) ta' Ottubru elfejn u sitta {2006}); 'Ritienne Bajada vs Underwear Ltd' (sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru elfejn u sitta {2006});*

***<u>TALBA RIKORRENTI</u>***

*Illi r-rikorrenti qed titlob li tigi re-integrata fuq il-post tax-xoghol u tithallas kumpens gust ghat tali tkeccija. In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni li tali talba ma ghandhiex tigi akkolata u dana ghal fini ta' praticita'. Dana ser jigi pero' konsiderat fil-kalkoli tal-kumpens pagabbli.*

***<u>KUMPENS</u>***

*Illi wara li ra l-Artikolu 80 u 81 tal-kap 452 it-Tribunal jiffissa l-ammont pagabbli bhala kumpens mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti fis-somma ta' tmient elef ewro (€8000).*

***Konkluzjoni***

*Illi it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni valida u jiffissa l-kumpens fis-somma ta' tmien t'elef ewro (€8000). Ghal fini ta' tassazzjoni, qed tigi ffissata s-somma erbghin ewro (€40).”*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` Carmelo Caruana Company Limited datat 19 ta' Ottubru 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Rachel Buhagiar datata 8 ta' Novembru 2011 a fol 28 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Frar 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Frar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Tonio Micallef ghas-socjeta` appellanti assistit mill-Avukat Jimmy Vella. Dehret l-appellata assistita mill-Avukat Joanne Vella Cuschieri. L-Avukati trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Novembru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza nkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 22 ta' Novembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tas-socjeta' appellanti huma (a) t-Tribunal ma osservax l-**artikolu 78 (2) tal-Ka. 452** ghaliex il-kaz ma giex deciz fi zmien ta' xahar hemm indikat u ma nghatatx raguni valida ghaliex dan ma sarx. Fil-fatt t-talba giet sottomessa fit-13 ta' Jannar 2010 u giet deciza fis-7 ta' Ottubru 2011; (b) li l-kumpens ma giex iffissat abbazi tal-**artikolu 81 (4) tal-Kap. 452** ghaliex il-Bord ma hax in

konsiderazzjoni id-danni reali u t-telf effettiv li bata l-haddiem, inkluz ukoll il-fattur li l-appellata sabet impjieg mill-ewwel; fil-fatt ma hemmx provi ta' xejn dwar dan u t-Tribunal agixxa *arbitrio boni viri* u dan immur kontra dak provdut fl-**artikolu 80 (4) tal-Kap.452**; (3) Illi saret interpretazzjoni hazina tal-fatti u l-ligi ghaliex ghalkemm inghad mit-Tribunal li l-appellata naqset biss f'zewgt okkazzjonijiet meta ghamlet *misrouting* ta' varji *containers*, fil-verita' kien hemm raguni varji ghaliex tkecciet mix-xoghol inkluz l-attegjament hazin taghha, tant li mhux biss hadet dawn l-izbalji izda naqset li tinforma bl-istess lis-superjuri taghha, wara li nghatat diversi *warnings* f'dan ir-rigward u b'hekk injora l-provi sottomessi quddiemu u dan huwa punt ta' dritt.

Illi dwar it-tielet aggravju jinghad li dan fil-fatt huwa essenzjalment appell mill-apprezzament ta' fatti li ghamel it-Tribunal u dan ma jistax issir skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 82 (3) tal-Kap. 452** li jillimita appell quddiem din il-Qorti biss fuq punt ta' dritt.

Illi s-sentenzi citati mill-appellanti fl-ismijiet **"Anton Camilleri vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 21 ta' Gunju 2011) u **"Alex Scicluna vs -Awtorita' ta' Malta dwar l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 12 ta' Mejju 2011) jittrattaw mhux fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' provi izda li l-Bord jew Tribunal indikat naqas li jikkonsidra l-aggravji mressqa quddiemu ghal kollox qishom qatt ma kienu jezistu. B'hekk it-tielet aggravju qed jigi respint ghaliex l-apprezzament ta' fatt jesorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li hija ormai gurisprudenza konstanti ta' din il-Qorti li dwar kumpens hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel tribunal dwar il-likwidazzjoni tal-istess sakemm dan ma jirrizultax manifestament zbaljat jew hemm xi raguni gravi ghaliex dan jsehh (**"Godwin Vassallo vs Vittoriosa Gaming Limited"** (A.I.C. (PS) – 28 ta' Marzu 2008); u **"Joan Zammit vs S. Borg & Sons Ltd"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Ottubru 2005).

Illi dwar il-punt li provi dwar dan ma kienx hemm lanqas huwa minnu ghaliex kien hemm l-introjtu li kienet qed tircievi l-appellata li kien ta' €10,482 fis-sens li tilfet meta tkecciet mill-impjieg. Jirrizulta wkoll li wara li spiccat mill-impjieg taghha hija impjegat ruhha darbtejn izda twaqqfet fiz-zmien ta' prova; b'hekk jidher li effettivament kien hemm telf reali u danni kkawzati lill-appellata u peress li dan ma setghax issir bil-preciz, giet likwidata s-somma ta' €10,000 mit-Tribunal u dan *arbitrio boni viri* u certament dan huwa ammont pjuttost konservattiv tenut ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u certament li huwa fil-parametri tal-ligi. B'hekk dan l-aggravju qed jigi wkoll michud.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li verbali stess tat-Tribunal jghidu ghaliex kien qed jigi differit l-istess kaz seduta seduta u dan ghas-smiegh tal-provi, nkluzi dawk tal-appellanti, li komplew iressqu sahansitra l-provi huma anke wara li skada l-istess terminu, u ghalhekk ma hemmx dubju li t-Tribunal indika bl-istess verbali ghaliex kellu bzonn aktar zmien minn dak indikat fl-istess artikolu citat, sabiex jasal ghad-decizjoni tieghu.

Mhux biss izda jirrizulta li s-socjeta' appellanti qatt ma qajmet dan il-punt quddiem l-istess Tribunal tant li minkejja li l-kaz beda fid-19 ta' Frar 2010 l-istess socjeta' appellanti odjerni ghalqet il-provi quddiem l-istess Tribunal biss fl-24 ta' Settembru 2010 (fol. 56) u ghalhekk ma hemmx dubju li l-istess socjeta' appellanti odjerni akkwijixietx ghaz-zmien itwal li t-Tribunal indika li kellu bzonn sabiex jigi deciz il-kaz, proprju sabiex jisma' x-xhieda u is-sottomissjoni tal-partijiet. B'hekk dan l-aggravju qed jigi michud ghaliex kompletament bla ebda bazi.

B'hekk l-appell qed jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata

8 ta' Novembru 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Carmelo Caruana Company Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 19 ta' Ottubru 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Rachel Buhagiar vs Carmelo Caruana Company Limited" (Decizjoni Numru 2104/JPB) datata 7 ta' Ottubru 2011 (Kaz Numru 2747/JPB) ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra is-socjeta' appellanti Carmelo Caruana Company Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------